MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**GRIMA EDWINA**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 1629/2002

***Public Broadcasting Services Limited***

***vs***

***Body Pride Limited***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Lulju, 2002, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mitt lira Maltin (Lm400) rappresentanti prezz ta' servizzi ta' reklamar fuq il-mezzi tax-xandir tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta.
Ra li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata baqghet ma dehritx u l-anqas ma pprezentat risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Jacqueline Borg ghan-nom tas-socjeta’ attrici, li kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400), kif ukoll l-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta’ konvenuta.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**